A.L. 119 ta' l-2001

ATT DWAR IS-SEKWESTRU U L-KUSTODJA TA' MINURI (KAP. 410)

Ordni ta' l-2001 li jemenda l-Ordni dwar il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 (1) ta' l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin għamel dan l-ordni li ġej:–

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2001 li jemenda l-Ordni dwar il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, u għandu jiftiehem u jinqara bħala ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-2000 dwar il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Ordni prinċipali". Titolu.

A.L. 130 ta' l-2000.

2. Minnufih wara l-Pajjiż "Kolombja" u d-data ta' Bidu fis-Seħħ "1 ta' Settembru 2000" fl-Iskeda li tinsab ma' l-Ordni prinċipali, għandu jiżdied dan li ġej:– Jemenda l-Iskeda li tinsab ma' l-Ordni prinċipali.

Pajjiż	Data ta' Bidu fis-Seħħ
"Finlandja	1 ta' Settembru 2000
Irlanda	1 ta' Jannar 2001
Svizzera	1 ta' Frar 2001
Awstralja	1 ta' Mejju 2001
Spanja	1 ta' Mejju 2001".